

Il-Ħamis, 23 ta' Ottubru 2008

- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0375/2008),
1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;
 2. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TC2-COD(2007)0013

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fit-23 ta' Ottubru 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2008/.../KE dwar l-imposti tal-ajruporti

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari jaqbel mal-att leġiżlattiv finali, d-Direttiva 2009/12/KE.)

Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Bożnja Herzegovina ***

P6_TA(2008)0518

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u l-Bożnja Herzegovina, fuq in-naħa l-oħra (8225/2008 (COM(2008)0182 — C6-0255/2008 — 2008/0073(AVC))

(2010/C 15 E/50)

(Proċedura ta' kunsens)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni (8225/2008 — COM(2008)0182),
 - wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u l-Bożnja u Herzegovina, fuq in-naħa l-oħra (8226/2008),
 - wara li kkunsidra t-talba għal kunsens magħmula mill-Kunsill skond l-Artikolu 300(3), it-tieni sub-paragrafu, flimkien mal-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-aħħar sentenza, u mal-Artikolu 310 tat-Trattat KE (C6-0255/2008),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 101 tat-Trattat KEEA,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 75 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0378/2008),
1. Jagħti l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Bożnja u Herzegovina.